



Brussell, 20 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14259/23

LIMITE

PECHE 441

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0301(NLE)**

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2024 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra
- Qbil politiku

I. INTRODUEZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Kunsill fit-28 ta' Awwissu 2023¹. Fid-19 ta' Settembru ppreżentat dokument informali li fih aġġornamenti għall-proposta dwar l-aringa tal-Golf ta' Bothnia, l-aringa tal-Baltiku tal-Punent u tal-Baltiku Ċentrali, il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Baltiku tal-Punent, kif ukoll il-barbun tat-tbajja' u l-laċċa kaħla² u fis-17 ta' Ottubru ppreżentat dokument informali ieħor biex tiġi introdotta flessibbiltà bejn iż-żoni għall-haddock mill-Baħar tat-Tramuntana għall-ilmijiet tal-UE ta' Skagerrak/Kattegat³; hemm nieqes biss it-TAC għall-merluzz tan-Norveġja, peress li l-parir xjentifiku ġie ppubblikat fid-9 ta' Ottubru u għaldaqstant il-Kummissjoni ser tippreżenta dokument informali f'it qabel il-Kunsill tat-23 u l-24 ta' Ottubru.

¹ Dok. 12451/23 + ADD 1.

² Dok. 12996/23.

³ Dok. 14189/23

2. Minħabba s-sitwazzjoni tal-aringi, il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis sostanzjali fit-TACs għall-**erba' stokkijiet kollha tal-aringi**. B'mod partikolari, tinvoka l-Artikolu 4(6) tal-Pjan Pluriennali għall-Baltiku⁴ biex jipproponi l-għeluq tas-sajd immirat għall-aringi fil-**Baltiku ċentrali** (is-suddiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32) u fil-**Golf tal-Bothnia** (is-suddiviżjonijiet 30-31), kif ukoll l-għeluq kontinwu tas-sajd immirat fil-**Baltiku tal-Punent** (is-suddiviżjonijiet 22-24), u tipproponi TACs għall-qabdiet aċċessorji biss.
3. Barra minn hekk, billi ma kienx hemm titjib fis-sitwazzjoni tal-bakkaljaw, il-Kummissjoni tipproponi li tkompli tistabbilixxi TACs għall-qabdiet aċċessorji biss għaż-**żewġ stokkijiet tal-bakkaljaw**, bi tnaqqis qawwi għall-**bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent** (is-suddiviżjonijiet 22-24).
4. Għas-salamun fil-baċir ewlieni (is-suddiviżjonijiet 22-31), il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis fit-TAC u limitazzjoni ulterjuri tas-sajd kostali. Għal-**laċċa kaħla** (is-suddiviżjonijiet 22-32), tipproponi wkoll tnaqqis fit-TAC, essenzjalment sabiex timminimizza l-qabdiet aċċessorji tal-aringi.
5. Għall-istokkijiet li jifdal, il-Kummissjoni tissuġġerixxi rikonduzzjoni għall-**barbun tat-tbajja'** (is-suddiviżjonijiet 22-32), filwaqt li s-**salamun tal-Golf tal-Finlandja** (is-suddiviżjoni 32) huwa l-uniku stokk li għalih tipproponi żieda fit-TAC.
6. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew mhumiex meħtieġa (l-Artikolu 43(3) TFUE).

⁴ Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jstabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawg l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007.

7. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tas-7 u l-21 ta' Settembru u tal-5 ta' Ottubru. Id-delegazzjonijiet ippreżentaw kummenti bil-miktub li jistgħu jiġu kkonsultati fid-dokumenti 13056/23 + ADD 1-3.
8. Matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, bosta delegazzjonijiet ikkontestaw ir-rikors għall-**Artikolu 4(6) tal-pjan pluriennali tal-Baltiku** bħala l-bażi għall-projbizzjoni tas-sajd immirat ta' ċerti stokkijiet ta' aringi. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li t-TAC jiġi ffissat skont il-parir xjentifiku bbażat fuq ir-rendiment massimu sostenibbli, f'konformità mal-pjan pluriennali u b'kont meħud tal-impatt soċjoekonomiku fuq is-settur tas-sajd.
9. Diversi delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju dwar il-proposta sħiħa. DK u LT indikaw riżervi ta' skrutinju parlamentari li minn dak iż-żmien 'l hawn tneħħew.
10. Il-Presidenza organizzat laqgħat trilaterali tekniċi mal-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet ikkonċernati fl-10 ta' Ottubru sabiex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet pendenti.
11. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kellu diskussjoni fl-20 ta' Ottubru fejn id-delegazzjonijiet tennew il-pożizzjonijiet prinċipali tagħhom, kif deskritti fil-parti II ta' din in-nota.

12. Il-Presidenza temmen li d-diskussjonijiet u d-deċiżjoni finali għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji li ġejjin:
- Impenn qawwi favur l-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament PKS⁵, inkluż il-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u l-oġġettivi soċjoekonomiċi tal-PKS;
 - Konformità mad-dispożizzjonijiet tal-pjan pluriennali tal-Baltiku;
 - Deċiżjonijiet ibbażati fuq parir xjentifiku.
13. Il-Presidenza temmen ukoll li ser ikunu meħtieġa sforzi sostnuti permezz tal-BALTFISH biex tintlaħaq soluzzjoni kunsenswali fil-livell reġjonali.

II. IS-SITWAZZJONI ATTWALI

a. Kwistjonijiet pendenti ewlenin

14. Għall-**aringi fil-Baltiku ċentrali** (is-suddiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29, 32), il-Kummissjoni tipproponi, skont l-Artikolu 4(6) tal-pjan pluriennali tal-Baltiku, TAC ta' qabdiet aċċessorji biss (28 550 tunnellata). Dan jinvolti tnaqqis ta' 60 % meta mqabbel mal-2023, peress li l-probabbiltà li l-istokk jibqa' taħt il-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa fl-2025 hija ogħla minn 5 %. Kważi d-delegazzjonijiet kollha kkonċernati jkunu lesti li minflok jikkunsidraw miżuri ta' rimedju, billi jinnutaw li l-parir xjentifiku jistabbilixxi firxa għas-sajd immirat.

⁵ Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

15. Bl-istess mod għall-**aringi fil-Golf tal-Bothnia** (is-suddiviżjonijiet 30-31), il-Kummissjoni tinvoka l-Artikolu 4(6) tal-pjan pluriennali tal-Baltiku biex tipproponi TAC għall-qabdiet aċċessorji biss (1000 tunnellata). Dan jinvolvi tnaqqis ta' 99 % meta mqabbel mal-2023, peress li l-probabbiltà li l-istokk jinżel taħt il-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa fl-2025 hija ogħla minn 5 %. Iż-żewġ delegazzjonijiet ikkonċernati jkunu lesti li minflok jikkunsidraw miżuri ta' rimedju, billi jinnutaw li l-parir xjentifiku jipprovdi firxa għas-sajd immirat.
16. Fir-rigward tal-**aringa fil-Baltiku tal-Punent** (is-suddiviżjonijiet 22-24), il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis ta' 50 % għat-TAC eżistenti għall-qabdiet aċċessorji biss (394 tunnellata) u li titwaqqaf id-deroga għas-sajd fuq skala żgħira, billi terġa' tinvoka l-Artikolu 4(6) tal-pjan pluriennali tal-Baltiku. Żewġ delegazzjonijiet jappellaw għal TAC ogħla għall-qabdiet aċċessorji biex jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwota limitanti", filwaqt li ż-żewġ delegazzjonijiet l-oħra kkonċernati jopponu t-tneħħija tad-deroga.
17. Għas-**salamun fil-baċir ewlieni tal-Baltiku** (is-suddiviżjonijiet 22-31), il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis ta' 15 % għat-TAC eżistenti għall-qabdiet aċċessorji u li d-deroga għas-sajd dirett kostali tas-sajd tiġi limitata għas-suddiviżjoni 31, peress li stokk wieħed tax-xmara tas-salamun fis-suddiviżjoni 30 huwa inferjuri għall-punt ta' referenza rilevanti. Żewġ delegazzjonijiet jopponu l-limitazzjoni tas-sajd kostali. Delegazzjoni waħda qed tikkunsidra li tipproponi skambju ta' opportunitajiet tas-sajd fil-baċir ewlieni. Barra minn hekk, diversi delegazzjonijiet jappellaw biex ir-regoli dwar is-**sajd rikreattiv għas-salamun** jiġu ssimplifikati, b'mod partikolari fir-rigward tad-distinzjoni bejn is-salamun selvaġġ u s-salamun bil-pinna maqtugħa.
18. Fir-rigward tal-**laċċa kaħla** (is-suddiviżjonijiet 22-32), il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis ta' 23 % għat-TAC (171 815 tunnellata), b'għażla tal-aktar punt baxx fil-medda tal-Fmsy sabiex timminimizza l-qabdiet aċċessorji tal-aringi. Diversi delegazzjonijiet huma favur TAC ogħla, f'konformità mal-parir xjentifiku.

b. Kwistjonijiet oħra

19. Fir-rigward tal-**bakkaljaw fil-Baltiku tal-Punent** (is-suddiviżjonijiet 22-24), il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis ta' 72 % għat-TAC eżistenti għall-qabdiet aċċessorji biss, u dan jiġi stabbilit fil-livell tal-ħatt l-art irrappurtat fl-2022 (136 tunnellata). Diversi delegazzjonijiet jappellaw għal TAC oġġla biex jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwota limitanti".
20. Għall-**aringi fil-Golf ta' Riga** (is-suddiviżjoni 28.1), il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis ta' 20 % (36 514 tunnellata), u tagħżel li ma tinkludix iż-żieda tas-soltu biex jitqiesu l-qabdiet ċentrali tal-aringi fiż-żona, minħabba s-sitwazzjoni ħażina tal-istokk tal-aringi tal-Baltiku ċentrali. Iż-żewġ delegazzjonijiet ikkonċernati jqisu li dan jaffettwa l-istabbiltà relattiva u għalhekk jitolbu li ż-żieda tinżamm.

III. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

21. Il-Presidenza temmen li, **bħala parti minn pakkett ġenerali**, jista' jintlaħaq qbil dwar it-TACs differenti u miżuri addizzjonali. Wara li d-delegazzjonijiet kollha esprimew dubji dwar l-interpretazzjoni mingħajr preċedent tal-pjan pluriennali tal-Baltiku, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet ikkonċernati lesti jindirizzaw is-sitwazzjoni tal-istokkijiet tal-Baltiku, inkluż bl-applikazzjoni ta' miżuri ta' rimedju.
22. Il-Presidenza tqis li jekk il-partijiet kollha jkunu flessibbli jista' jintlaħaq kompromess. Tifhem ukoll li d-diskussjonijiet fil-BALTFISH għandhom potenzjal konsiderevoli.
23. Il-Kunsill huwa mitlub jagħti l-fehmiet tiegħu b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet imfissra fil-parti II hawn fuq, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil politiku fis-sessjoni tiegħu tat-23 u l-24 ta' Ottubru.